**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 15 ta’ Novembru 2021**

**Fl-atti tal-kontro mandat numru 2236/21 Wara mandat ta’ sekwestru kawtelatorju nru.1791/15 mahrug 14/08/2015 fl-ismijiet:**

**Ballut Blocks Services Ltd**
**vs**
**Raymond Axiaq**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Raymond Axiaq tat-28 t’ Ottubru 2021 fejn talab il-hrug ta’ opportun kontromandat fl-ismijiet premessi stante hlas a saldu kif ukoll ghax ma gietx intavolata kawza ohra entro t-terminu prefiss mil-Ligi

Rat li fis-seduta tal-lum Dr Mark Ellis ghas-socjeta intimata iddikjara li s-socjeta intimata mhix toggezzjona li jinhareg il-kontro-mandat stante hlas u jitlob biex l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent kif ukoll jirrileva li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni kien wiehed ezekuttiv u mhux kawtelatorju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijijiet fuq il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni kien wiehed ezekuttiv u mhux kawtelatorju u dan kif jirrizulta mill-atti tal-istess mandat. Konsegwentement ma kien hemm l-ebda htiega li tigi intavolata kawza kontestwalment mal-mandat de quo.  Fil-fatt din il-Qorti segwiet il-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jippreskrivi l-procedura ghar-revoka ta' mandat ezekuttiv.

La darba r-rikorrent ma kkontestax li l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru kien tassew minnu dovut u fil-fatt hallsu, isegwi li l-ispejjez ghall-hrug ta' dan il-kontromandat ghandu jbatihom hu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa t-talba tar-rikorrent u tordna l-hrug ta' kontromandat ghall-mandat ta' sekwestru ezekuttiv - u mhux kawtelatorju kif erronjament indikat fir-rikors promotur - bin-numru 1791/15 fl-ismijiet premessi.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrent Raymond Axiaq.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**